Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Marzu 2026**
**(OR. en)**

**13566/2/25**
**REV 2**

**CO EUR-PREP 34**
**POLGEN 155**
**ECOFIN 1296**
**EMPL 423**
**SOC 648**
**COMPET 965**
**ENV 950**
**MI 761**
**IND 416**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Semestru Ewropew 2026<br>- Pjan direzzjonali aġġornat |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-pjan direzzjonali aġġornat tas-Semestru Ewropew, kif imħejji mill-Presidenza u l-Presidenza li jmiss.

Il-Presidenza u l-Presidenza li jmiss ħejjew dan il-pjan direzzjonali aġġornat biex jiddeskrivu l-passi ewlenin taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2026.

Il-pjan direzzjonali għandu l-għan li jiżgura li l-konfigurazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill, u l-korpi preparatorji tagħhom, jaħdmu b'mod koordinat u konsistenti biex issir tħejjija bir-reqqa għad-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar is-Semestru Ewropew u biex il-COREPER u l-Kunsill Affarijiet Ġenerali jkunu jistgħu jissorveljaw il-proċess.

# L-EWWEL FAŻI

## TĦEJJIJA GĦALL-KUNSILL EWROPEW TA' MARZU

**10 ta' Ottubru 2025: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew 2025: Tagħlimiet meħuda - *Skambju ta' fehmiet*

**15 ta' Ottubru 2025**

– Preżentazzjoni tal-abbozz ta' Pjanijiet Baġitarji mill-Istati Membri taż-żona tal-euro

**17 ta' Ottubru 2025: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

– Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi abbażi tar-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (2025) – *Approvazzjoni*

– Messaġġi ewlenin mill-KPS abbażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (2025) – *Approvazzjoni*

**27 ta' Ottubru 2025: Kunsill Agrikoltura u Sajd**

– Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri – *Adozzjoni*

**25 ta' Novembru 2025: Pakkett tal-Ħarifa tas-Semestru Ewropew**

– Preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta':

  – Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2026, Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2026 u Proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026

  – Komunikazzjoni Fiskali Orizzontali li tkopri l-Istati Membri kollha (inkluż valutazzjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir)

  – Opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji għall-2026

  – Rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE

  – Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea

**1 ta' Diċembru 2025: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

– Semestru Ewropew 2026 – Pakkett tal-Ħarifa – *Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u dibattitu ta' orjentazzjoni*

– Messaġġi Ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika – *Approvazzjoni*

**Diċembru 2025 – Jannar 2026**

– Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika fil-format tal-Grupp tal-Euro u l-Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro (Supplenti) iħejju l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, inkluż il-kontribut konġunt li jkopri l-aspetti soċjali u tal-impjiegi mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

– Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u s-sottokumitati tiegħu jħejju Rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata lill-Istati Membru taħt proċedura ta' defiċit eċċessiv

**11 ta' Diċembru 2025: Grupp tal-Euro**

– Valutazzjoni tal-abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u tas-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji taż-żona tal-euro – *Dikjarazzjoni mill-Grupp tal-Euro*

**12 ta' Diċembru 2025: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew 2026: Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2026, u Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro – *Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet*

**16 ta' Diċembru 2025: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

– Semestru Ewropew 2026 - Pjan direzzjonali – *Preżentazzjoni mill-Presidenza u l-Presidenza li jmiss*

**19 ta' Jannar 2026: Grupp tal-Euro**

– Abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro – *Diskussjoni tal-prijoritajiet*

**20 ta' Jannar 2026: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew 2026
    – Konklużjonijiet dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2026 – *Approvazzjoni*

– Implimentazzjoni tal-qafas tal-governanza ekonomika
    – Deċiżjoni u Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv – *Adozzjoni*

**16 ta' Frar 2026: Grupp tal-Euro**

– Abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2026 – *Diskussjoni*

**17 ta' Frar 2026: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew 2026
  – Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2026 – *Approvazzjoni*

**23-24 ta' Frar 2026 - Parlament Ewropew: Ġimgħa Parlamentari tas-Semestru Ewropew tal-2026**

– Dibattitu bejn il-membri tal-kumitati rilevanti mill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali

**9 ta' Marzu 2026: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

– Semestru Ewropew 2026: *Skambju ta' fehmiet*
  – Aspetti soċjali u dawk relatati mal-impjiegi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro – *Approvazzjoni*
  – Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026 – *Adozzjoni*
  – Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026 – *Approvazzjoni*
  – Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea - *Adozzjoni*
  – Messaġġi Ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ – *Approvazzjoni*

**Marzu 2026: Sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew**

– Dibattitu konġunt dwar is-Semestru Ewropew

**17 ta' Marzu 2026: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

– Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu:

  – Semestru Ewropew 2026 - Rapport ta' sinteżi – *Skambju ta' fehmiet*

  – Semestru Ewropew 2026 – Pjan direzzjonali aġġornat – *Preżentazzjoni mill-Presidenza*

  – Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro – *Trażmissjoni lill-Kunsill Ewropew*

**19-20 ta' Marzu 2026: Kunsill Ewropew**

– Skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni ekonomika u tal-impjiegi tal-Istati Membri

– Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro – *Approvazzjoni*

## IT-TIENI FAŻI

## TĦEJJIJA GĦALL-KUNSILL EWROPEW TA' ĠUNJU

**Nofs April 2026**

– Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: It-tieni fażi tal-analiżi skont il-pajjiż dwar il-konverġenza soċjali f'konformità mal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali – *Pubblikazzjoni mill-Kummissjoni*

**April 2026: Kunsill**

– Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro – *Adozzjoni*

**Qabel it-30 ta' April 2026**

– Preżentazzjoni tar-Rapporti ta' Progress Annwali mill-Istati Membri

**Mejju 2026**

– Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: analiżijiet fil-fond skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku - *Pubblikazzjoni mill-Kummissjoni*

– Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika (u qablu, il-grupp ta' ħidma LIME tiegħu) jinvolvi ruħu f'diskussjonijiet ibbażati fuq l-analiżijiet fil-fond skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

**3 ta' Ġunju 2026: Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew**

– Preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta':

    – Rakkomandazzjonijiet għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill (rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi); Rapporti tal-Pajjiżi

    – Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

    – Deċiżjonijiet dwar il-klassifikazzjonijiet tal-iżbilanċi makroekonomiċi skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

    – (poss.) Proċedura ta' defiċit eċċessiv: Rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE

  - (poss.) Implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir: Proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv

**Ġunju - Lulju 2026**

- Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju - Supplenti, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jinvolvu ruħhom fil-ħidma preparatorja fuq ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2026 u japprovaw in-nota orizzontali
- (poss.) Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u s-sottokumitati tiegħu jaħdmu fuq Deċiżjonijiet / Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv
- Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika jinvolvu ruħhom f'ħidma preparatorja dwar il-konklużjonijiet dwar l-analiżijiet fil-fond skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

**12 ta' Ġunju 2026: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

- Semestru Ewropew 2026: Pakkett tar-Rebbiegħa – *Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*
- (poss.) Implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir: Deċiżjonijiet tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv – *Adozzjoni*

**16 ta' Ġunju 2026: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

- Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju
  - Semestru Ewropew 2026: nota orizzontali dwar ir-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi – *Approvazzjoni u trażmissjoni lill-Kunsill Ewropew*

**18-19 ta' Ġunju 2026: Kunsill Ewropew**

- Konklużjonijiet
  - Semestru Ewropew 2026: nota orizzontali dwar ir-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi – *Diskussjoni ta' konklużjoni*

**29 ta' Ġunju 2026: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

– Semestru Ewropew 2026: Pakkett tar-Rebbiegħa – *Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet*

  – Valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2026 u tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2025: Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali – *Approvazzjoni*

  – Kontribut dwar l-aspetti tal-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi: Rakkomandazzjonijiet dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji ta' kull Stat Membru – *Approvazzjoni*

**10 ta' Lulju 2026: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew 2026

  – Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi – *Adozzjoni*

  – Konklużjonijiet dwar l-analiżijiet fil-fond skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku – *Approvazzjoni*

– (poss.) Implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir: Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv – *Adozzjoni*